**15 ta' Novembru, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Gaetano Testa

*versus*

Albert Attard *noe et*

## Kostituzzjoni – L-Ewwel Skeda

*Ir-rikorrent kellu fond mikri lilu mill-awtoritajiet. Is-Segretarju tad-Djar kien ħareġ ordni ta' rekwisizzjoni għax il-fond kien jinħtieġ lura għal skop pubbliku. Ir-rikorrent allega li ġew miksura fil-konfront tiegħu l-artikoli 36, 37, 38 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 5, 6 u 8 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet ta' l-attur biss in kwantu bbażati fuq id-dritt għall-proprjetà u għall-protezzjoni minn trattament inuman jew degradanti. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent kompletament.*

*Il-Qorti rriteniet li ma kienx hemm vjolazzjoni ta' l-intimità tad-dar tar-rikorrent billi l-bżonn għad-dħul kien jemerġi minn bżonn pubbliku. Dwar il-kwistjoni ta' vjolazzjoni ta' proprjetà, billi dak li sar kien sar skond il-Housing Act ta' l-1949 li kien pre-eżistenti għall-Kostituzzjoni ta' l-1964 dak l-Att kien salvat mill-Kostituzzjoni u l-aġir taħtu ma setax jiġi ddikjarat vjolattiv tad-dritt tal-proprjetà.*

*Dwar il-kwistjoni ta' trattament inuman jew degradanti l-Qorti kkonkludiet li in vista tal-bżonn pubbliku għall-azzjoni meħuda u in vista wkoll li kienu saru diversi offerti lir-rikorrent ta' akkomodazzjoni alternattiva ma setax jingħad li kien hemm dak il-grad ta' ħruxija biex it-trattament li kien qiegħed jirċevi jiġi meqjus inuman jew degradanti.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' Gaetano Testa ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn wara li ppremetta illi huwa joqgħod fil-fond *Flat 4, Entrance 2, Block A, ex married quarters,* Luqa ta' liema fond ilu jħallas il-kera regolarment lill-Gvern ta' Malta u li joqgħod fih flimkien mal-familja tiegħu regolarment u bħala l-uniku fond ta' abitazzjoni;

Premess li l-intimati jridu fuq il-pretest ta' "sigurtà" f'dawn il-ġranet jiżgumbraw lir-rikorrent u l-familja tiegħu mill-fond imsemmi mingħajr ma jipprovdilhom akkomodazzjoni alternattiva;

Premess li r-rikorrent u l-familja tiegħu ma għandhomx abitazzjoni oħra adekwata u għalhekk bl-aġir ta' l-intimati ser jispiċċaw bi ħwejjiġhom barra t-triq;

Premess li l-għemil ta' l-intimati jikser serjament id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u tal-membri tal-familja tiegħu, għax sejjer jassoġġettahom għal trattament inuman degradanti bi ksur ta' l-artikolu 3 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u kif ukoll sejjer jassoġġettahom mingħajr il-kunsens tagħhom għad-dħul mill-intimati jew minn persuni mibgħuta minnhom fil-fond fejn ir-rikorrent qiegħed jabita flimkien mal-familja tiegħu bi ksur ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta;

Premess illi inoltre l-intimati jippretendu li jikkanċellaw unilateralment u arbitrarjament il-kirja tal-fond imsemmi lir-rikorrenti u b'dan għalhekk, din il-pretensjoni ta' l-intimati l-iżgumbrament mhedded mill-intimati lir-rikorrent u l-familja tiegħu mill-fond imsemmi sejrin jiksru d-dritt tar-rikorrent u l-familja tiegħu għar-rispett ta' darhom (artikolu 8 ta' l-Ewwel

Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja Att XIV ta' l-1987) u kif ukoll l-interess tar-rikorrent fil-fond imsemmi jew id-dritt tiegħu fuq l-istess fond qiegħed jittieħed mill-intimati bla kumpens adekwat ta' abitazzjoni *alternattiva u bla mar-rikorrent huwa assigurat* mid-dritt ta' l-aċċess lill-Qorti jew Tribunal imparzjali u mid-dritt ta' l-Appell lill-Qorti ta' l-Appell ta' Malta (artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta) u għalhekk qegħdin iċaħħdu lir-rikorrent mid-dritt għal smigħ imparzjali u pubbliku fiż-żmien raġonevoli minn Tribunal Indipendenti u imparzjali fl-*okkażjoni* tad-deċiżjoni *("determination")* tad-drittijiet Ċivili tal-kirja, tal-pussess ta' l-użu tal-fond imsemmi u ta' l-abitazzjoni fih bi ksur ta' artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 u kif ukoll bi ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;'

Talab għalhekk ir-rikorrent lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-għemil ta' l-intimati jew min minnhom konsistenti fil-kanċellament tal-kirja tal-fond *Block A, Flat 4, Entrance 2, ex married quarters,* Luqa, lir-rikorrent u l-iżgumbrament mhedded tar-rikorrent u tal-familja tiegħu mill-istess fond jiksru d-drittijiet fundamentali mħarsa fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (Att XIV ta' l-1987) jiġifieri l-artikolu numru 36, 37, 38 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli l-oħra, 3, 6 u 8 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja (Att XIV ta' l-1987) u;

2. Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa u opportuni sabiex jitwettqu d-*disposizzjonijiet tal-liġi li jħarsu l-imsemmija* drittijiet *tal-*bniedem, inklużi t-tħassir tal-kanċellament tal-kirja tal-fond imsemmi u t-tħassir tat-theddida ta' l-iżgumbrament tar-

rikorrent mill-fond *imsemmi*;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min *minnhom*;

Rat ir-risposta ta' Albert Attard fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju tad-Djar u l-Avukat Joseph Cassar LL.D., M.P., Segretarju Parlamentari għad-Djar fejn esponew bir-rispett:

Illi huma aġixxew fl-interess pubbliku u skond il-Liġi u bla ebda mod ma kisru l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja. Infatti huma qed jitoblu l-iżgumbrament tar-rikorrent in vista tal-proġett ta' l-iżvilupp ta' l-ajruport li jinvolvi kunsiderazzjonijiet fost oħrajn ta' sigurtà;

Inoltre jiġi rrilevat li r-rikorrent għandu akkomodazzjoni post ieħor billi ċ-ċwievet ta' l-abitazzjoni preċedenti tar-rikorrent għadhom f'idejh;

Għalhekk it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fl-20 ta' Ġunju, 1989, li biha sabet li in kwantu t-talbiet tar-rikorrenti huma msejsa fuq l-artikoli 36 u 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 3 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja (Att XIV ta' l-1987) dawn huma fondati u l-Qorti ssib vjolazzjoni tagħhom kif ingħad; fl-istess waqt il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu msejsa wkoll fuq l-artikoli 38 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 8 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja u tiddikjara għalhekk li l-kanċellament arbitrarju tal-kirja tal-fond *Block A, Flat 4, Entrance 2, ex Married Quarters,* Luqa, u l-iżgumbrament ordnat mill-intimati

bħala li jikser id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dana limitatament u fir-rigward biss ta' l-artikoli 36 u 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 3 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja; u filwaqt li tirrevoka tali kanċellament arbitrarju tal-kirja fuq imsemmija u l-ordni għall-iżgumbrament fit-termini proposti mill-intimati; u filwaqt li tikkonċedi lill-intimati d-dritt li fl-interess pubbliku jieħu l-pussess tal-fond *de quo* mir-rikorrenti, tordna fl-istess waqt li f'tali eventwalità, l-intimati għandhom jipprovdu **qabel** lir-rikorrenti b'akkomodazzjoni alternattiva li ma tkunx inferjuri għal dik preżenti, u fejn dan mhux aktar possibbli, tordna lill-intimati li jagħtu kumpens xieraq lir-rikorrenti sabiex ikun jista' jsib akkomodazzjoni alternattiva li ma tkunx inferjuri għal dik attwali. Il-kap ta' l-ispejjeż, tenut kont ta' l-aspetti komplessi tal-każ u ta' dak illi ġie ddeliberat u deċiż fil-konfront tal-partijiet, għandu jiġi sopportat kwantu għal terz (⅓) mir-rikorrent u żewġ terzi (⅔) mill-intimati u dana wara li kkunsidrat li:

*In succint* il-fatti li taw lok għal dina l-vertenza kienu s-segwenti;

Illi r-rikorrenti Gaetano Testa li kien u għadu sal-lum joqgħod fil-fond ossija appartament numru erbgħa (4), *Entrance 2, Block A,* formanti parti minn blokk ta' appartamenti magħrufa bħala "*ex-married quarters*" f'Luqa, flimkien mal-familja tiegħu ta' erba' persuni u dan sa mis-7 ta' Mejju, 1987 irċieva ittra mid-Dipartiment tad-Djar bid-data tat-13 ta' Novembru, 1987 li kienet tgħid hekk (ara Dok. B – a fol. 32);

"Minn avviż li rċevejt fid-19 ta' Awissu, 1987 int kont ingħatajt ġimgħa żmien biex tirritorna ċ-ċwievet tal-*flat;*

"Minn dokumentazzjoni tagħna u *minn spezzjoni li saret* mill-uffiċjali tad-Dipartiment, jirriżulta li l-post fejn kont toqgħod qabel għadu disponibbli;

"Għalhekk qiegħed tingħata tlett ijiem żmien biex int tirritorna ċ-ċwievet ta' *Block A, Entrance 2, Flat 4* inkella jkollna nieħdu l-passi meħtieġa biex issir *'eviction'* ";

L-ittra tinsab iffirmata minn xi ħadd għall-"A/Segretarju tad-Djar";

Oltra r-rikorrent, xehdu wkoll f'din il-kawża Salvu *sive* Saviour Fenech, Direttur ta' l-Avjazzjoni Ċivili; il-Kurunell Maurice Calleja, illum *Deputy Commander* tal-Forzi Armati ta' Malta; is-Sur Joseph Depasquale Schranz mid-Dipartiment tad-Djar, kif ukoll l-Arkitett Joseph Mizzi fil-kwalità tiegħu ta' Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi u Albert Attard, Aġent Segretarju tad-Djar;

L-aħħar xhud fuq imsemmi xehed kandidament fuq dak li ġara u li wassal għall-proċeduri odjerni. Dana xehed hekk *inter alia* (ara deposizzjoni tiegħu mogħtija fis-26 ta' Novembru, 1987 – a fol. 19 *et seq*):

"L-ewwel darba li ddiskutejt mas-Segretarju Parlamentari responsabbli għad-Djar dwar din il-kwistjoni li tirreferixxi għall-postijiet f'Ħal-Luqa kien f'inkontru li kelli f'Awissu ta' din is-sena ma' l-imsemmi Segretarju Parlamentari;

"Il-problema li għamilt aċċenn għaliha kienet tikkonsisti fil-fatt illi dawn il-postijiet kienu ġew allokati kontra l-parir ta' *l-awtoritajiet ta' l-ajruport.* Fil-fatt, fl-24 ta' Frar, 1987, id-

*Director of Civil Aviation* kien kiteb lid-Dipartiment tad-Dajr fejn qallu li l-allokazzjoni tal-postijiet in kwistjoni kienet se taffettwa l-iżvilupp ġejjieni ta' l-ajruport, u allura l-użu tagħhom, dejjem skond dan li kitibha, mill-*Housing Authority* m'huwiex possibbli.....

"Nonostante, mela, fil-bidu ta' April, 1987, il-*Housing Authority* kienet għamlet rakkomandazzjoni sabiex dawn il-postijiet **xorta waħda** jiġu allokati;

"Fid-29 ta' April, 1987 is-*Civil Aviation Authorities* reġgħu kitbu lill-*Housing Authority.....;*

"Barra din il-problema li aċċennajt għaliha, li jista' jkun ta' preġudizzju bħala sigurtà lill-awtoritajiet ta' l-ajruport aħna rajna wkoll li hemm problema oħra fis-sens li l-postijiet fejn qegħdin jistgħu jkunu ta' perikolu wkoll għan-nies li jkunu joqogħdu fl-istess blokk minħabba l-viċinanza ta' l-ajruplani;

"Allura ttieħdet deċiżjoni mill-Awtorità (tad-Djar) u mis-Segretarju Parlamentari fis-sens li l-allokazzjoni li saret fuq dan il-blokk ta' appartamenti titwaqqaf. Dana kien allura f'nofs Awissu, 1987;

"Nel frattemp aħna konna sirna nafu li daħlu f'dan il-blokk ta' appartamenti ħames familji.....";

Ix-xhieda Saviour Fenech, Maurice Calleja, u Joseph Mizzi wkoll taw dettalji in konferma ta' dak li x-xhud semma' bħala r-raġunijiet li induċew lis-Segretarju Parlamentari, l-intimat f'din il-kawża, biex jordna l-iżgumbrament tar-rikorrent mill-appartament *de quo* flimien mal-familja tiegħu;

Issa l-Qorti tirrileva li nonostante li l-Aġent Segretarju tad-Djar, kull darba li aċċenna għall-posizzjoni legali tar-rikorrent bħala waħda ta' "allokazzjoni" mid-Dipartiment, ir-rikorrent invece esebixxa riċevuta u xehed ukoll fis-sens li l-appartament minnu okkupat kien f'idejh **b'titolu ta' lokazzjoni.** Issa, apparti li r-rikorrenti ma jinsabx kontradett, ir-riċevuta msemmija, esebita bħala Dok. A – a fol. 31 tal-proċess, maħruġa mill-Kummissarju ta' l-Art bid-data tas-7 ta' Mejju, 1987 tikkontejni li ġej:

*"Received from Gaetano Testa the sum of twelve Malta punds nineteen cents being rent in advance due on 24th April, 1987 (30th June, 1987 in respect of Bl.A, Entr.2, Fl.4, Luqa)"*;

Din hija indikazzjoni oħra li *si trattava* ta' kirja u mhux allura ta' sempliċi allokazzjoni;

Illi huwa minnu li l-intimat Segretarju tad-Djar ressaq provi sabiex juri li l-aġir tiegħu ma kienx wieħed kapriċċuż imma msejjes fuq parir ta' awtoritajiet responsabbli jew f'karigi għoljin fl-Avjazzjoni Ċivili, fil-Forzi Armati ta' Malta, kif ukoll fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. B'danakollu jibqa' l-fatt li bl-ebda mod ma ġie ppruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti li seħħ xi kambjament jew xi żvilupp dwar dak li kien diġà miġjub a konjizzjoni tal-Gvern minn dawn l-istess Awtoritajiet **qabel** il-kirja sakemm ir-rikorrent ġie nterpellat biex jiżgombra mill-appartament lilu lokat. Kull ma rriżulta mill-provi huwa li proprju fil-ġranet li saret il-kirja u d-dħul tar-rikorrent fl-appartament kien hemm l-Elezzjonijiet Ġenerali. Irriżulta wkoll li kien hemm bidla fl-amministrazzjoni tal-pajjiż. Fir-rigward, ix-xhud Saviour Fenech (ara fol. 43) in kontro-eżami qal hekk:

"Qed niġi mistoqsi, peress li jiena bgħatt kopja ta' din l-ittra lill-Onor. Prim Ministru ta' dak iż-żmien, jekk kellix risposta min-naħa tiegħu. **Jiena nirrispondi li risposta ma kellix. Naf li x-xogħol li bdew jagħmlu f'dawn l-appartamenti tkompla, u naf ukoll li iktar tard daħlu n-nies f'dawn l-appartamenti**" (sottolinejar tal-Qorti);

Wieħed għandu jippreżumi li meta l-Gvern, kif rappreżentat mill-Eżekuttiv, ta b'kirja l-appartament lir-rikorrent huwa ħa in konsiderazzjoni l-oġġezzjonijiet u l-pariri kontrarji msemmija mix-xhieda fuq indikati. Jekk dan ma kienx il-każ, kif donnu jrid jimplika l-intimat *nomine* bix-xhieda mressqa minnu, allura l-Gvern ta' allura la mexa b'serjetà u lanqas b'sens ta' responsabbilità bħala waħda mill-partijiet kontraenti. Min-naħa l-oħra jista' jkun invece l-każ li l-amministrazzjoni sussegwenti u dik imħarrka f'dawn il-proċeduri taħsibha mod ieħor għal kollox minn dik ta' qabilha u għalhekk aġixxiet bil-mod imsemmi. Hi kif inhi però, **ġaladarba l-fatti baqgħu li kienu,** il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat odjern ma aġixxiex korrettament minn *punto di vista* legali fil-konfront tar-rikorrent. Ir-rikorrenti kellu kirja valida, f'ebda waqt ma ta l-kunsens tiegħu biex itemm tali kirja jew biex jivvaka l-post mikri lilu. Anzi r-rikorrenti xehed li meta daħal fil-post huwa ħtieġlu jnaddfu, ibajdu u jattrezzah anki b'kamra tal-banju. Żid ukoll jixhed li fejn għadu jabita għandu aktar kumdità u spazju milli fejn kien qabel;

Għadu jiġi rrilevat li wara li nħariġlu l-avviż għalbiex jiżgombra u wara wkoll li kienu nbdew dawn il-proċeduri, ir-rikorrent jgħid li ġie muri post f'San Ġwann, anzi ġie muri żewġ postijiet. Dawn iż-żewġ appartamenti, jgħid ir-rikorrenti, bla ma ġie kontradett, kienu żgħar għall-bżonnijiet tiegħu u iżgħar

mill-ambjenti li kienu mikrija lilu. għandu jiġi rrilevat li dawn iż-żewġ ambjenti f'San Ġwann ġew indikati lir-rikorrenti **wara li** nbdew il-proċeduri. Dawn il-fondi ġew issuġġeriti lir-rikorrent mid-Dipartiment tad-Djar bħala *"alternative accomodation"*. Fl-istess waqt però r-rappreżentant ta' dan id-Dipartiment, is-Sur Joseph Depasquale Schranz (ara deposizzjoni a fol. 49) xehed li hu ma kienx daħal fihom biex jispezzjonahom. Irriżulta wkoll li l-Gvern fil-mori tal-proċeduri ħareġ avviż għall-bejgħ rigward postijiet deskritti bħala "vilel" f'Ħal Luqa wkoll. Jidher fl-aħħarnett ukoll li l-post fejn qabel kien jabita u jgħix ir-rikorrent għadu battal u disponibbli;

Ir-rikorrenti qiegħed jilmenta minn tliet vjolazzjonijiet ta' artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jaqgħu lkoll taħt il-Kapitolu IV bl-isttħarriġ "Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu", u ċjoè:

1. L-art. 36 dwar protezzjoni minn trattament inuman u degradanti;

2. L-art. 38 dwar protezzjoni għall-intimità tad-dar jew proprjetà oħra; u

3. L-art. 37 dwar protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens;

Barra dan, ir-rikorrenti qiegħed jinvoka wkoll l-art. 3, 6 u 8 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja (Att IX ta' l-1987);

Fir-rigward ta' l-art. 38 tal-Kostituzzjoni, għandu jingħad li mill-provi jirriżulta li l-attwali amministrazzjoni taħsibha

xort'oħra minn dik ta' qabilha. Jidhrilha li l-iżgumbrament qiegħed jintalab 'fl-interess pubbliku'. Fil-fatt ix-xhieda prodotti mill-intimat ikkonfermaw din it-teżi. Għalkemm ma jidhirx li kien hemm tibdil ta' fatti bejn dawk li kienu jeżistu qabel seħħet il-kirja u dawk ta' wara – għajr bdil fl-amministrazzjoni tal-pajjiż – l-art. 38(2)(ċ) xorta jikkonċedi l-possibilità ta' intrużjoni min-naħa tal-Gvern li jidħol ġo fond fil-każijiet hemm imsemmija. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti dana l-artikolu ma jidhirx li ġie vvjolat mill-intimat kif allegat mill-kontroparti;

Fir-rigward imbagħad ta' l-art. 37 jirriżulta illi bl-iżgumbrament mitlub ir-rikorrenti ser jiġi pprivat mill-użu u mit-tgawdija tal-fond lilu lokat. L-intimati wrew biċ-ċar, anki per via tas-sottomissjonijiet tagħhom in iskritt u orali, li l-unika garanzija li lesti jagħtu lill-kontroparti hija dik li "ma jitfgħux barra t-triq" lilu u lill-familja tiegħu u dan billi ħallewlu għad-disposizzjoni tiegħu l-fond ġà okkupat in preċedenza mir-rikorrent u mill-familja tiegħu. Dwar il-fond li kellu qabel xehed ir-rikorrenti, bla ma ġie kontradett, illi dan kien iċken u b'anqas kumditajiet minn dawk attwali. Oltre dan, ir-rikorrenti għamel benefikati diġà fil-fond lilu mikri. Dan kellu bilfors ifisser li t-teħid forzat tiegħu mill-intimati, imqar jekk fl-interess pubbliku, jimporta privazzjoni u jrid għalhekk ikun hemm kumpens adegwat. Mill-provi rriżulta li l-intimati kellhom fondi oħrajn x'joffru in alternattiva f'Ħal Luqa stess, li kienu aċċettabbli għar-rikorrenti. Għal xi raġuni, presumibilment għaliex dawn l-ambjenti kienu ta' livell ogħla minn dak lokat lir-rikorrenti, l-intimati ma wrewx ruħhom propensi li joffru wieħed minnhom lir-rikorrenti. *Rebus sic stantibus,* ma humiex ġustifikati l-intimati li jesiġu t-tħassir tal-lokazzjoni bħallikieku din qatt ma eżistiet, oltre l-iżgumbrament forzat tar-rikorretni mill-fond lokat u bl-unika alternattiva li r-rikorrent u l-familja tiegħu jirritornaw

fl-ambjenti li kellhom qabel. Dana kollu inoltre fl-isfond ta' stat ta' fatt fejn ftit ġimgħat qabel id-Dipartiment tad-Djar kien għażel li jikri l-fond *de quo* lir-rikorrenti minkejja l-oġġezzjonijiet kollha minn oqsma varji. Fiċ-ċikorstanzi għalhekk, l-aġir ta' l-intimati huwa ċertament wieħed ċensurabbli;

Is-suespost iwassalna għall-konsiderazzjoni ta' l-art. 36 tal-Kostituzzjoni dwar Ħarsien kontra trattament degradanti u inuman. Dawn iż-żewġ konċetti huma astratti u kwindi biex javverraw irwieħhom iridu jikkonkretizzaw neċessarjament f'xi fatt jew fatti materjali. Diġà ntqal li l-każ in diżamina hu wieħed fejn ir-rikorrenti, wara li ngħata b'kirja appartament mill-kontroparti, ġie nterpellat biex jiżgombra minnu għal raġunijiet li kienu **diġà jissussistu** fil-mument li seħħet il-kirja. L-intimati kellhom u għad għandhom mezzi a disposizzjoni tagħhom għalbiex jikkompensaw lir-rikorrenti b'mod adegwat għall-privazzjoni li jkollu jsofri. B'danakollu, l-intimati wrew ċar u tond li għalihom il-kirja qisha qatt ma eżistiet u jippretendu allura li fl-interess pubbliku jiżgumbraw lir-rikorrenti bħallikieku dan m'għandu drittijiet ta' xejn ħlief "li ma jorqodx barra" (kliem tad-difensur ta' l-intimati). Fil-fehma tal-Qorti tali aġir għandu jitqies bħala wieħed inuman u degradanti fit-terminu li l-Kostituzzjoni tagħna u l-Konvenzjoni Ewropeja trid tipproteġi;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Albert Attard fil-kwalità tiegħu bħala Segretarju tad-Djar u Dott. Avukat Joseph Cassar LL.D., M.P., Segretarju Parlamentari tad-Djar ippreżentat fl-4 ta' Lulju, 1989, li bih talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju, 1989, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fir-rikors fl-ismijiet fuq imsemmija billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent in kwantu msejsa fuq l-artikoli 38 u 39 tal-Kostituzzjoni

u l-artikoli 6 u 8 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja, tirrevokaha fir-rimanenti partijiet l-oħra tagħha u tiddeċidi minflok billi tiċħad it-talbiet kollha ta' l-appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' Gaetano Testa ppreżentata fis-17 ta' Lulju, 1989;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Għandu jingħad mill-ewwel li billi ma sarx appell mir-rikorrent minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet it-talbiet tiegħu hemm imsemmija u sar biss appell mill-intimati, l-indaġini li għandha tagħmel il-Qorti hija limitata għal biex tara jekk it-talba tar-rikorrent inkwantu bbażata fuq l-artikoli 36 u 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hijiex fondata jew le;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni li jirrigwarda l-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà mingħajr kumpens għandu jiġi osservat li din id-disposizzjoni tal-liġi hija kkwalifikata minn disposizzjoni oħra ta' l-istess Kostituzzjoni ċjoè l-art. 47(9) li jiddisponi espressament li ''Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962...''. Dan ifisser li kwalunkwe liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962 hija

*liġi salvagwardata mill-operazzjoni ta' l-art. 27 tal-Kostituzzjoni* b'effett ta' l-art. 47(9) ta' l-istess Kostituzzjoni;

Issa fil-każ preżenti minn eżami tal-proċess u b'mod partikolari mir-*Requisition Order* Numru 50092 (fol. 53) jirriżulta li l-appellant Segretarju tad-Djar qiegħed jitlob li r-rikorrent jitlaq il-pussess tal-fond in kwistjoni u jikkonsenja l-imfietaħ tiegħu bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-Att ta' l-1949 dwar id-Djar (Att Numru II ta' *l-1949*) u *kwindi bis-saħħa* ta' liġi li kienet fis-seħħ qabel it-3 ta' Marzu, 1962. Għalhekk in vista ta' l-imsemmi art. 47(9) tal-Kostituzzjoni, r-rikorrent ma jistax jinvoka favur tiegħu l-imsemmi art. 37(1) tal-Kostituzzjoni billi l-Att II ta' l-1949 dwar id-Djar li taħtu qed jaġixxi s-Segretarju tad-Djar, huwa salvagwardat mill-operazzjoni ta' l-Att 37(1). Dan il-punt diġà ġie espressament deċiż minn din il-Qorti fil-kawża "Joseph Camilleri *vs* Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari *et*" deċiża fit-13 ta' Frar, 1976 fejn ingħad espressament: "illi ma hemm l-ebda dubju li l-Liġi tad-Djar (Att II ta' l-1949) hi liġi salvagwardata mill-operazzjoni ta' l-art. 38(1) (illum 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'effett ta' l-art. 48(9) illum 47(9) ) ta' l-istess Kostituzzjoni....." (Ara Deċiżjonijiet Kostituzzjonali 1964 – 78, Vol. II paġna 443);

In *vista* tal-konklużjoni fuq raġġunta li teskludi ***a planta pedis*** it-talba tar-rikorrent appellat inkwantu bbażata fuq l-art. 37 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti ma tarax il-ħtieġa li tgħaddi biex tikkunsidra s-sottomissjonijiet l-oħra magħmula mill-kontendenti fir-rigward ta' l-imsemmi art. 37 tal-Kostituzzjoni;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja invokati wkoll mir-rikorrent appellat dawn huma kważi identiċi. Infatti fil-waqt li l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni jiddisponi li "Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti" l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja jiddisponi li "Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti". In vista ta' dan isegwi li l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni magħmula mill-Kummissjoni Ewropeja u mill-Qorti Ewropeja tista' tiġi anke segwita fl-interpretazzjoni ta' l-art. 36 tal-Kostituzzjoni. Fil-fatt jidher li din il-Qorti diġà għamlet hekk fil-kawża "Giuseppe Galea *vs* Segretarju tad-Djar u Ministru responsabbli għad-Djar" deċiża fl-20 ta' Lulju, 1977 (Ara Deċiżjonijiet Kostituzzjonali Vol. II, paġna 541) fejn wara li għamlet riferenza għall-ġurisprudenza Ewropeja in materja, waslet għall-konklużjoni li *(op. cit.* paġna 549): "Però m'hemmx kwistjoni u jidher li hu llum ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjoni tad-disposizzjonijiet (artikolu 47 *recte* 37 tal-Kostituzzjoni tagħna u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja) fuq ċitati jeħtieġ **ċertu grad ta' gravità;**

L-awtur Fawcett fil-ktieb tiegħu *"The application of the European Convention on Human Rights"* josserva (paġna 42) illi: *"Inhuman treatment would then be the deliberate infliction of physical or mental pain or suffering against the will of the victim....."* u l-awtur Sieghart fl-opera tiegħu: *"The International Law of Human Rights"* jgħid (paġna 169) li: *"In Denmark et al vs Greece EUCM* (il-Kummissjoni Ewropeja) *defined 'degrading treatment' as treatment which grossly humiliates an individual or drives him to act against his will or conscience"*. Hekk ukoll fil-ktieb *"La Convenzione Europea dei*

*Diritti dell'uomo nell'applicazione giurisprudenziale in Italia''* ta' Giuseppe Biscottini, ġie osservat (paġna 189), wara li saret riferenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fil-kawża ''Irlanda c. Regno Unito'', li: *''Un trattamento inumano, secondo la Corte, si concreta nel fatto di provocare all'individuo forti sofferenze fisiche e morali con turbe psichiche acute. Trattamento inumano si potrebbe perciò individuare in un qualsiasi trattamento atto a infrangere l'umanità di una persona a renderla in uno stato psichicamente labile in modo da annullare in essa la possibilità di una reazione psicologica e di una coerente esplicazione della volontà. Il trattamento degradente si concreta nel creare un sentimento di paura, d'angoscia e di inferiorità, che porti a infrangere la resistenza psichica dell'individuo'';*

Issa l-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi fid-dawl tal-ġurisprudenza u dottrina fuq ċitata *in extenso*, ma ssib l-ebda esitazzjoni biex tikkonkludi li f'dan il-każ ma kienx hemm trattament inuman jew degradanti;

Dawn il-provi juru li r-rikorrent kien qed jokkupa l-fond *de quo* b'titolu ta' lokazzjoni. Veru li l-provi dwar kif beda jokkupa l-fond b'titolu ta' lokazzjoni – speċjalment fin-nuqqas tal-produzzjoni ta' xi skrittura privata ta' lokazzjoni jew dokument ieħor – huma nebulużi, però *il fatto sta* li r-rikorrent ipproduċa riċevuta tal-*Land Office* (fol. 31) li ġġib id-data 7 ta' Mejju, 1987 li turi li hu ħallas is-somma ta' Lm12.19,0 kera bil-quddiem għall-perijodu 24-4-87 – 30-6-87 u għalhekk kien qed jiddetjeni l-fond b'titolu ta' lokazzjoni meta nħarġet l-ordni ta' rekwiżizzjoni Numru 50092 li ġġib id-data 12 ta' Awissu, 1987;

Skond l-art. 3(1) ta' l-Att dwar id-Djar (Att II ta' l-1949,

illum Kap. 125) fuq imsemmi s-Segretarju tad-Djar huwa awtorizzat joħroġ rekwiżizzjoni jekk jidhirlu li hu meħtieġ jew xieraq li jagħmel hekk *inter alia* fl-interess pubbliku. Ma hemmx dubju li f'dan il-każ dan l-interess pubbliku jeżisti, billi jirriżulta abbondantement ċar mid-deposizzjonijiet ta' Albert Attard, Salvu Fenech, tad-Direttur tal-*Public Works* l-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Mizzi, u tal-Kurunell Maurice Calleja li kien hemm il-ħtieġa li l-fond jittieħed lura minħabba l-iżvilupp li qiegħed isir fl-ajruport u anke għal raġunijiet ta' sigurtà;

Il-fatt li meta l-fond inkera lir-rikorrent kienu jeżistu dawn l-aħħar imsemmija ċirkostanzi, fil-fehma tal-Qorti, ma jaffettwaw bl-ebda mod il-każ li għandha quddiemha għax dak li għandha tara l-Qorti huwa jekk fil-mument tal-ħruġ ta' l-ordni tar-rekwiżizzjoni kienx dan meħtieġ fl-interess pubbliku skond it-termini ta' l-art. 3 tal-Kap. 125 u dan l-interess pubbliku f'dak il-mument ġie altru li ppruvat. Il-fatt li l-fond inkera minn Dipartiment ieħor tal-Gvern qabel il-ħruġ tar-rekwiżizzjoni ma jneħħix l-eżistenza ta' l-interess pubbliku fil-mument tal-ħruġ tar-rekwiżizzjoni la darba dina ġiet ippruvata;

Issa fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq ċitat l-Qorti ma tarax li meta nħarġet skond il-liġi r-rekwiżizzjoni fuq imsemmija kien hemm xi trattament inuman jew degradanti. Infatti jirriżulta mill-provi li r-rikorrent kien għad għandu f'idejh iċ-ċwievet tal-fond fejn kien jabita qabel ma mar fil-fond in kwistjoni u ma ġie ppruvat bl-ebda mod li jekk imur lura fil-fond ta' qabel, huwa jsofri trattament inuman jew degradanti kif dawn il-kliem ġew interpretati mill-ġurisprudenza fuq ċitata. Ir-rikorrent saritlu wkoll *pendente lite* l-offerta ta' żewġ fondi oħra u anke dawn ġew irrifjutati għaliex ir-rikorrent allega li kienu żgħar u l-fond *de quo* fih aktar kumdità (fol. 56). Il-Qorti ma tarax illi għax

persuna, meta tiġi mġiegħla toħroġ minn post in segwitu għal rekwiżizzjoni fl-interess pubbliku, billi tmur toqgħod f'post iżgħar allura dan għandu jiġi kkunsidrat li jammonta għal trattament inuman jew degradanti. Din semmai hija inkonvenjenza iżda ma jistax jingħad (ammenokkè ma jkunx hemm fatturi oħra li ma ġew ippruvati f'dan il-każ) li tammonta għal dak it-trattament inuman jew degradanti kif interpretat mill-ġurisprudenza fuq ċitata;

Il-Qorti wkoll ma tistax ma żżidx li hija ħadet l-impressjoni mix-xiehda ta' Joseph Depasquale Schranz li r-rikorrent qiegħed jinsisti li jiġi offert fond fid-dintorni tal-Ħamrun minħabba *ċirkostanzi ta' xogħol, ta' skola u ta' familja, liema ċirkostanzi* però apparentement ma kkunsidrax meta kera l-fond *de quo* li jinsab Ħal-Luqa;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell u għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent inkwantu msejsa fuq l-artikoli 38 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 8 ta' l-Ewwel Sekda ta' l-Att XIV ta' l-1987 u tirrevokaha fir-rimanenti partijiet l-oħra tagħha u għalhekk tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent appellat. L-ispejjeż *taż-żewġ istanzi għandhom* kollha jiġu ssopportati mill-istess rikorrent appellat.